# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 720/2011MH**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2018**

**Antoinette Cachia (KI 63953M)**

**vs**

**David Galea (KI 138789M) u Henry Harry Aquilina (KI 51387M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors[1] ta' l-attrici Antoinette Cachia li gie prezentat fit-8 ta' Lulju 2011 u li permezz tieghu esponiet:

*"1. Illi nhar is-6 ta' Novembru 2009, ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija, David Galea kien qieghed isuq Honda bin-numru tar-registrazzjoni DAV-169 fi Triq is-Salini filwaqt li Henry Harry Aquilina kien qieghed isuq Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni HAU-351.*

[1] Folio 1

*2. Illi dakinhar sehh incident bejn iz-zewg vetturi li ukoll ikkaguna kollizjoni ma' terza vettura ta' ghamla Hyundai Accent, misjuqa minn Louis Tabone bin-numru ta' registrazzjoni KAC-846.*

*3. Illi Antoinette Cachia kienet passiggiera fil-vettura HAU-351 misjuqa minn Henry Harry Aquilina u sofriet griehi ta' natura gravi minhabba dana l-incident kif ser jigi spjegat waqt it- trattazzjoni tal-kawza. Illi l-vettura misjuqa minn Henry Harry Aquilina hija proprjeta' ta' Antoinette Cachia u l-istess vettura giet iddikjarata bhala 'total loss' b' rizultat ta' dan l-incident.*

*4. Illi l-incident gara tort tan-negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom.*

*5. Illi infetah arbitragg Numru ARB M2800/2011 biex jigi stabbilit it-tort u responsabilita' ta' dan l-incident izda dana ghadu mhux deciz.*

*6. Illi r-rikorrenti tablet lil konvenuti sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnha izda huma baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*

1. *Tiddikjara lil konvenuti David Galea u Henry Harry Aquilina jew min minnhom kienu responsabbli ta' dan l-incident li sehh fis-6 ta' Novembru 2009 bejn il-vetturi DAV-169 u l-vettura HAU-351 liema incident gara minhabba negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-istess David Galea u/jew Henry Harry Aquilina.*
2. *Tillikwida d-danni sofferti minn Antoinette Cachia.*
3. *Tikkundanna lil konvenuti jew min minnhom biex ihallsu dawn id-danni sofferti mill-attrici.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali kontra David Galea datata 25 ta' Marzu 2011 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-att u bl-imghaxx legali kontra taghhom. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta[2] tal-konvenut Henry Harry Aquilina prezentata fil-5 ta' Awwissu 2011 u li permezz taghha espona:

*"1. Illi referibbilment ghad-Dikjarazzjoni tar-Rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi huwa minnu li huwa kien involut f' incident tat-traffiku fis-6 ta' Novembru 2009 waqt li huwa kien qed isuq il-vettura Numru HAU 351, u kellu bhala passiggiera lill-ommu, Antoinette Cachia, izda dan l-incident ma garax tort u htija tieghu.*

*2. Illi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-intimat, David Galea, is-sewwieq tal-vettura Numru DAV 169, u dana minhabba traskuragni u negligenza da parti tieghu, u kwindi ghandu ikun hu li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha pretizi minn Antoinette Cachia.*

*3. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta[3] tal-konvenut David Galea prezentata fis-16 ta' Settembru 2011 u li permezz taghha espona:

*"1. Illi primarjament jehtieg li jigi kjamat in Kawza s-Sur Louis Tabone li kien qieghed isuq il-karozza Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KAC 846 li kien ukoll involut fl-incident de quo u dan sabiex il-Qorti jkollha stampa iktar cara tad-dinamika*

[2] Folio 11
[3] Folio 14

*ta' l-istess incident u biex l-istess gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti jkun wiehed gust u integru;*

*2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-debilita' permanenti li l-attrici allegatament sofriet u dank if se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*3. Illi dan l-incident sehh totalment minhabba negligenza u imprudenza tal-konvenut l-iehor Henry Harry Aquilina u mhux minhabba n-negligenza u imprudenza u/jew ksur ta' regolamenti fl-organizzazzjoni min-naha ta' l-eccipjenti;*

*4. Illi ghalhekk isegwi li ma hemmx danni x' jigu likwidati favur l-attrici;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi;*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li qed tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawza, ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat lil kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidrat.**

Illi din tallum hija kawza rigward danni kkagunati fuq il-persuna u propjeta' ta' l-attrici wara li din bhala passigiera spiccat involuta f'incident stradali. Ghandu a priori jinghad illi l-attrici kienet fil-karozza Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni HAU-351 misjuqa minn wiehed mill-intimati binha, il-konvenuti Henry Harry Aquilina. Fl-istess

incident il-vettura msemmija spiccat bhala konsegwenza ta' l-ewwel habta mahbuta go vettura ipparkjata ta' certu Louis Tabone.

Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tezamina t-talba attrici mill-lat ta' responsabilta' tas-sinistru in ezami u wara u skont r-rizultanzi tghaddi ghal likwidazzjoni tad-danni

## **Responsabilta' ta' l-incident.**

Fl-affidavit taghha[4] l-**attrici** tiddeskrivi l-incident billi tghid illi dan sehh meta gia kien dalam. Hi u binha kienu nezlin it-telgha ta' Alla u Ommu, binha s-sewwieq kif wassal f'inkrocju biex jidhol gos-side road tal-Maghtab naqqas l-ispeed, ghamel l-*indicators* li hi tiddeskrivi li kienu tali li jixghelu bi vlegga hamra, dan apparti *indicators* ohra li kellha l-vettura mal-*mudguard*. Izid li dan id-dawl ratu ghax kien id-dlam. Tghid ukoll meta kienu dahlu bil-parti ta'qudierm tal-vettura gos-*side road* li tiehu ghal Maghtab, semghet bhal spluzzjoni. Qabel dan ma kienet rat ebda vettura gejja. Tispjega lid-daqqa saret fuq in-naha ta' wara tal-vettura fuq in-naha tax-xellug.

Spjegat li kagun ta' dan l-incident hi soffriet ksur fil-kustilji u s-*solar plexus* li b'hekk komplitilha l-*corrosion* gol *hip joint.* Spjegat illi nefqet is-somma ta' €144 bejn il-konsulenti Mr Ray Gatt u Mr Massimo Abela.  Ziedet ukoll li kellha taghmel operazzjoni u li baqghet gewwa ghal disa' xhur. Minhabba f'hekk tilfet qliegh ta' €3,729, somma li kienet taghmel kieku zammet l-istudenti bhal qabel ghax-xhur li kienet indisposta. Aktar tard bhala prova ta' dan ix-xoghol ta' hekk imsejjah "*host family"* li hi kienet taghmel esebit id-dokument Y[5]  li kien juri li hi kellha tikkancella il-*bookings* li kellha ghas-sajf tas-sena 2010 minhabba ndisposizzjoni ta' sahha kawza ta' incident stradali. Ziedet l-istess ittra illi l-attrici kienet ilha hekk tahdem ghal numru ta' snin ukoll li kienet registrata biex tkompli f'dan ix-xoghol ghas-sjuf fil-gejjieni.

---

4

5 Fol 28

Spjegat dwar l-incident illi *"... l-impatt tad-daqqa ... gie fuq is-seat ta' warajja.*[6] Fil-konfront tas-sinistru in ezami esebiet kemm skizz redatt minnha snin wara l-incident[7] kif ukoll tlett ritratti li juru x-xbieha tal-vettura taghha wara l-impatt[8] ukoll zewg ritratti[9] li juru l-vettura tal-konvenut David Galea wara l-habta.

Dwar l-incident kienet insistenti in kontro ezami illi meta binha gie biex idur ghat-triq tal-Maghtab, ghamel l-indicator u naqqas l-ispeed. Tghid illi meta binha ghamel l-indikatur biex idur hi ma ratx ebda karozza gejja. Spjegat il-habta bhala hoss kbir, spluzzjoni.[10]

Fid-dettal spjegat, in kontro-ezami, li d-daqqa l-karozza Volkswagen haditha bejn is-seat taghha tal-passigier quddiem, u n-naha ta' wara fuq in-naha tax-xellug. Innegat illi l-vettura taghha hadet id-daqqa inizjali fuq quddiem.

Qalet ukoll li huma kienu nezlin b'velocita' ta' circa 50, ghalkemm ma kienetx kapaci tirrikonnoxxi d-differenza bejn mili u kilometri, spjegat li binha kien naqqas l-ispeed in vista tal-fatt li kienu ghadhom kemm xtraw affarijiet tal-milied fragili. Tghid li ghalhekk binha kien qed isuq bil-galbu.[11]

Dwar is-sewqan ta' binha tixhed *"Waqaf qabel dar ghat-triq tal-ohra, ghall-Maghtab. U hlief dlam ma rajtx jiena dak il-hin. Hlief in-naqra dawl tal-karozza taghna ma rajtx. Imbaghad f'daqqa wahda spluzzjoni."*[12]. Iddeskrivit l-impatt bhala "… *daqqa kbira immens*"[13]. Ziedet ukoll li kienu familjari hafna ma din it-triq stante li kwazi kuljum kienu jghaddu minnha biex izuru lil ohtha li kienet residenti gewwa *home* l-Mosta.

L-konvenut **David Galea** li kien qed isuq il-vettura Honda DAV-169, da parti tieghu jiddiskrivi illi fil-hin ta' l-incident ghalkemm kienet nizlet ix-xemx pero ma kienx dalam

[6] Fol 25.
[7] Dok CH a fol 51.
[8] Dok CH2,CH3 u CH4 a fol 52, 53 u 54 rispettivament.
[9] Dok CH5 a fol 55
[10] Fol 88
[11] Fol 176
[12] Fol 177
[13] Fol 178

ghal kollox. Spjega li kien sejjer lejn in Naxxar u giet karozza, dik ta' l-attrici misjuqa mill-konvenut l-iehor fuq in-naha tieghu. Xehed illi *"... meta ... kont fi triqti mis-Salina ghan-Naxxar kien hemm vettura li giet fuq il-linja tat-triq tieghi fejn kont qed insuq jien. Din il-vettura kienet gejja in-naha tan-Naxxar jigifieri minn naha l-ohra tat-triq.*

*Nghid lil habta saret fil-linja tieghi.*

*Nghid li l-impatt sar fil-linja fejn kont qed insuq jiena.*

*....l-hsara fil-vettura tieghi ...fuq in-naha ta' quddiem tal-passiggier."*[14]

In kontro-ezami qal li t-triq kienet wahda dritta u li seta jara 'l boghod ta' zewg tlett karozzi ukoll li quddiemu kellu karozzi ohra. Ighid ukoll illi seta jara l-vetturi l-ohra gejjien mil-karregjata opposta[15]. **Pero`** nonostante cioe zid illi l-ewwel darba li ra l-karozza li habat maghha kien x'hin din harget fil-linja tieghu.

Aktar tard xehed ukoll li kienet il-vettura Volkswagen li fil-fatt dahlet go fih, li b'dan l-impatt il-vettura tieghu daret tant li anke giet thares fid-direzzjoni opposta. Rega kkonferma lil vettura tieghu giet milquta minn naha ta' quddiem naha tal-passiggier mentri l-ohra mill bumper ta' quddiem **tan-naha tax-xuffier**[16] ghan naha ta' wara cioe mal-gemb ukoll.[17] Aktar tard pero jikkonferma d-daqqiet li soffriet il-vettura kienu fuq in-naha tal-passiggier.

In kontro ezami kien insistenti li l-velocita' tieghu kienet ta' erbghin (40) kilometru fis-siegha, li kellu dawl normali mixghul u oltre hekk li ma ra ebda dawl mixghul tal-vetturi l-ohra. Baqa insistenti li ghalkemm mill-inkrocju seta jara sat-telgha (ta' Alla u Ommu) li ra l-vettura l-ohra involuta ftit sekondi biss qabel il-habta, jghid *"... rajtu ftit sekondi qabel l-impatt, dak il-hin gie ma wicci"*[18].

[14] Fl 95
[15] Fol 95
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Fol 129

Esebixxa wkoll id-dokumenti DG8 u DG9 li juru fejn hu ha d-daqqa, ukoll id-dokumenti Dok 10 u 11[19].

Il-konvenut **Henry Harry Aquilina** xehed permezz ta' affidavit.[20] Jghid li meta kien niezel it-telgha ta' Alla u Ommu ghal habta tal-5.30 p.m.waqaf biex iddur lejn il-lemin ghat-triq tal-Maghtab. Jghid li xeghel l-*indicator*. Zid li hu waqaf bil-karozza, x'hin ma ra xejn fit-triq twila, skontu hlief dlam, beda mixi u dahal fit triq li taghti ghal Maghtab. Dak li jiftakar wara hu li gie f'sensih meta sema t-twerziq ta' ommu. Zid li ma kienx jaf minn fejn giet il-karozza li dahlet go fih. Tant li jghid li hu mar ma ommu l-isptar u li meta cemplulu s-sewwieqa tal-vetturi l-ohra, sahansitra saqsihom x'kien gara u kemm kien hemm karozzi nvoluti.

Aktar tard[21] zid li hu kien niezel u li kif wasal hdejn s-sinjal tal-fjuri kif kien jaghmel dejjem xeghel l-*indicator* biex jikser ghan-naha tal-lemin. Jghid li kif ra li ma kien gej xejn, rega beda jsuq. Dwar il-velocita' qal li kien *deadstop* qabel ma gie biex idur. Ftakar ukoll li kif gie f'sensih wara l-incident ma tax kaz dak li kien gara ghax kien mohhu f'ommu.

Fl-istess incident spiccat danneggjata vettura ohra li kienet ipparkjata. Il-vetttura ta' l-attrici misjuqa mill-konvenut Henry Harry Aqulina spiccat mal-habta anke mahtuba go fiha, din kienet il-vettura bin-numru KAC-846 li kienet misjuqa u tappartjeni lil **Louis Tabone**. Da parti tieghu dan spjega li hu ma kien jiftakar xejn mill-incident hlief li sema l-impatt u ra l-vettura tieghu ticcaqlaq bl-istess. Ikkonferma li l-vettura ta' Aquilina spiccat gol vettura tieghu, ukoll illi dak il-hin kien id-dlam u li kien hemm bozza maqtugha.[22]

---

[18] Fol 135
[19] Fol 148 -151
[20] Fol 21
[21] Fol 163 et. seq.
[22] Fol 59-60

**Is-Surgent Mario Mifsud** irrediga kemm l-iskizz[23] kif ukoll ha r-rapport ta' l-incident[24]. Ma sabx *spot of impact* fuq il-post ta' l-incident. Senjatament ukoll ma gew senjalati ebda *break marks* fuq l-istess skizz.

Ezaminata ix-xhieda prodotta l-Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti referenzi legali u gurisprudenzjali li se jkunu l-bazi tal-kunsiderezzjoni taghha biex tistabilixxi r-responsabilta' ta' l-incident *de quo*. Taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizzjoni fl-ismijiet **Alfred Farrugia vs Mary Rose Meli**[25] li din il-Qorti tikkondividi nonstante l-kaz hemm ezaminat kien dhul minn *side road* ghal go triq principali, pero l-principji elenkati jibqghu vigenti u applikabbli ghal kaz in dezamina.

*"Illi rigward l-aspett tar-responsabbilita` ta' l-incident, il-Qorti tikkondividi pienament l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjoni raggjunta mill-abbli perit legali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara; u din il-Qorti fl-esposizzjoni ta' l-aspett guridiku tal-vertenza in disamina, ser taghmel referenza wkoll ghal uhud mill-kazijiet kwotati mill-istess perit legali.*

*"Illi bazikament l-incident sehh meta il-kovenuta harget bill-vettura taghha minn go side street ghal go main road li minnha kien ghaddej l-attur. Illi l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza u hu fis-sens li: s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b'mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu unikament meta jkun cert li jista' jaghmel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista` jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane[26].. Aktar ma tkun popolari u traffikuza*

[23] Fol 110
[24] Dok. MM1 fol 107
[25] Deciza fil 25 ta' Settembru, 2009; appell civ; 233/1991/1
[26] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.

*t-triq principali, aktar ikun loneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.*

*"Is-sewwieq tas-side road "ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[27]*. Huwa ghandu "l-obbligu assolut li, x'hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[28].

*"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m'ghandux jiehu"*[29] *Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.*[30]

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari tal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus pater familias u li hija ragjonevoli tenut kont taccirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il frekwenza tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user kellu 'a higher duty' li jesplora l-main road, u jesploraha tajjeb f'sens li jara dak li kien vizibbli"*[31].

*"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola ssewqan skond il-*

---

[27] App. Krim. ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** – 12 Novembru 1960.
[28] Ibid.
[29] App. Krim. ***Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[30] App.Civ. Vol.LXXXII.II.473
[31] App.Krim. **Il-Pulizija vs Joseph Vella** – 10 ta' Awissu 1963

*kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat ta' l-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir tas-sewwieq li jzomm dak li komunement tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli ...." Reasonable look out ifisser id-dmir li ssewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view*[32]*. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view"*[33].

*"Konformement ma' u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l Onr. Qorti ta' l-Appell Kriminali li: jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out"*[34]

Fid-decizjoni ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet **Jeffrey Caruana vs Alfred Montesin**[35] inghad:

> *"<u>Konkluzjonijiet dwar Responsabilita`</u>*
>
> *"<u>L-Obbligi Generali tas-Sewwieq</u>*
>
> *"<u>In linea generali</u>, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet <u>"Debono vs Camilleri et"</u> (Vol.XLVI.I.112) il-Qorti tal-Appell irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin –*
>
> *"i) li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi talmument bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bixxita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti;*

---

[32] Prim Awla Vol. LXXXII.III.322; u Vol. XLVI.I.112

[33] Gibb **Trial of Motor Car Accident Cases** Section 54 – kwotat mill-abbli perit legali.

[34] App. Krim. **Il-Pulizija vs John Laferla** – 17 ta' Gunju 1961.

[35] 1701/2001/1; 30/05/2014

*"ii) li jzomm a reasonable and careful lookout liema dmir igib mieghu li driver ghandu jara dak li huwa ragonevolment vizibblli.*

*"Il-"Proper Lookout"*

*"Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Laferla" u "Il-Pulizija vs Vella" kien inghad li – the duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

*"Inoltre fis-sentenza Ingliza "Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Company Co. Ltd." (1968) kien rilevat li –*

*""Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead; it includes an awareness of what is happening in one`s immediate vicinity." (ara wkoll – fost hafna ohrajn – "Sacco vs Ellul" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/CS – 14 ta' Mejju 1982).*

*"Dwar "proper lookout" din il-Qorti diversament presjeduta (PA/NC) korrettement osservat fis-sentenza taghha tal-15 ta' Ottubru 2003 fil-kawza flismijiet "Zahra vs Vassallo" li -*

*"" ... dan l-obbligu huwa korollari ghall-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn 'bonus paterfamilias' u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq."*

*"It-Triq Principali, it-Triq Sekondarja u dik bi STOP SIGN*

*"Ir-Reg.76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat) ighid li triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha*

*jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa` lil dak tat-triq principali.*

*"Issa ghalkemm l-istess disposizzjoni tkompli ... izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f`wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera, huwa pero` fatt inkontestat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent tat-triq principali ghaliex il-manuvra li jkun ser jaghmel, fiha nnfisha, tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali ("Stagno Navarra vs Saliba" – Kollez. Vol. XLV.I.389)*

*Omissis…*

*"Il-Gibb f`pagna 62 tal-ktieb "The Trial of Motor Car Accident Cases" jghid hekk –*

*"The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road, and for that reason the side road user must use more care."*

*"Il-grad ta` diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta` triq sekondarja obbligat jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali, li jesplora tajjeb din it-triq, u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista` johrog bla hsara ("Camilleri vs Demicoli" – Appell Civili – 27 ta' Lulju 1981). Ghalhekk l-utent ta` triq sekondarja, bhala bonus paterfamilias, huwa obbligat li jassikura ruhu minn qabel li mhux jista` jibda izda fuq kollox jispicca ttraversata tieghu sabiex b`hekk ikun jista` jsibu ruhu sewwa fit-triq principali minghajr xkiel jew periklu ghalih jew ghal haddiehor. Per konsegwenza, mhumiex permessi esitazzjonijiet, ripensamenti*

*inkella sgiccjaturi. Minn dak ix-xufier, dak mistenni hija certezza ragonevoli dwar il-kondotta galbata tieghu fit-triq.*

*"Kif diga` rajna, l-ezercizzju tal-proper lookout huwa obbligu ta' kull xufier, izda fil-kaz tal-utent tat-triq sekondarja, dak l-obbligu jsir vitali billi fuq spallejh ghandu piz akbar. F'pagna 71 ta' "Driving – The Department of Transport Manual" insibu ndikazzjoni ta` safejn ghandu jisporgi sewwieq ta` triq sekondarja sabiex jara t-triq principali qabel johrog – "... with your eyes far enough to be able to look right, left and right again, so that you have a full view of the junction before deciding whether to wait or go on."*

*"Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Marzu 1940 fil-kawza "Il-Pulizija vs Grezzju Tanti", il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk :-*

***"Min ikun ser jidhol minn triq ghal go ohra, u allura jikser il-kurrent tat-traffiku li kien sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment ghandu jogghod ferm attent qabel ma jaqsam u jekk ikun hemm bzonn anke jieqaf."*** [36]

*"Propju ghaliex kif diga` rajna kull xufier ghandu jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u l-kondizzjonijiet tal-post li minnu jkun ghaddej, ghandu jinghad allura li d-dritta li ghandu l-utent tat-triq principali fil-konfront tax-xufier li jkun hiereg minn triq sekondarja mhuwiex bla limitu. Ghalhekk ghaliex anke hu jrid ikollu l-galbu ta' bonus paterfamilias, ma jistax jabbuza mid-dritta tieghu. Fi kliem iehor, ma jistax jaghmel li jrid, jaghlaq ghajnejh u ma jaghtix kaz ta' dak li jkun qed jigri quddiemu jew madwaru, u jwarrab fil-genb kull regola ta` prudenza inkluz meta t-traffiku tat-triq sekondarja jkun ben in vista ghalih. Allura anke hu jrid jiehu l-prekawzjonijiet tieghu skond il-kaz ("Camilleri vs Zammit" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 31 ta' Ottubru 1970 ; "Borg vs Sciberras" - Appell Civili – 5 ta' Frar 1971*

[36] Enfasi ta' din il-Qorti.

*; "<u>Schembri vs</u> <u>Grech</u>" – Prim' Awla tal-Qorti Civili – 23 ta' Ottubru 1972 ; u "<u>Bezzina vs Borg</u>" – Prim' Awla tal-Qorti Civili – 27 ta' Awissu 1981).*

*….omissis….*

*"Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar 1967 fil-kawza <u>"Bongailas vs Mercieca</u>" –*

*"Il-kwistjoni tar-responsabilita' f'incidenti stradali wisq rarament tista' tigi risolta semplicement bl-applikazzjoni ta' regoli a priori. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida izda kull kaz jiddipartixxi minn iehor u jrid jigi risolut in basi ghallfattispeci u c-cirkostanzi partikolari tieghu."*

Anke fil-kaz tad-decizjoni appena citata l-Qorti thoss lil principji hemm elenkati jistghu jghinu u huma applikabbli ghal vertenza in ezami.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-incident principali kien dak bejn iz-zewg konvenuti. Fil-fatt ghamlet tajjeb din il-Qorti kif diversament preseduta li laqghet it-talba tal-partijiet lil kjamat in kawza mitlub fin-nota' ta' l-eccezzjonijiet ta' David Galea ma tigix milqugha sakemm jingabru l-provi, fatt li darba maghmul wera li hadd mill-partijiet ma hass il-bzonn ghalih lanqas l-istess eccipjent. **Ghalhekk u anke ghax bla dubbju Louis Tabone ma kellu ebda kontribuzzjoni ghas-sinistru in ezami, l-ewwel eccezzjoni ta' David Galea hija michuda.**

Hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li l-incident sehh fin-nizla tat-telgha ta' Alla u Ommu limiti tan-Naxxar, fl-inkrocju fejn triq sekondarja li taghti ghal Maghtab. L-incident gara meta kienet gia nizlet ix-xemx.

Iz-zewg konvenuti kienu qed isuqu fl-istess triq f'kareggjata opposta. Aquilina x'hin wasal hdejn l-inkrocju imsemmi, propju ghax ried jidhol f'dik is-*side road* jghid li waqaf,

karozzi telghin lejn in-Naxxar ma rax, ghamel l-indicator u qasam il-karregjata l-ohra. Kien gia dahal f'parti mit-triq tal-Maghtab x'hin ommu l-attrici li kienet passigiera fuq quddiem tghid li hasset bhal spluzzjoni: id-daqqa fil-vettura Volkswagen kif jidher car fir-ritratti kollha esebiti huma fuq in-naha tax-xellug tal-vettura mal-gemb kollu taghha. Minn naha l-ohra kif jidher ukoll mir-ritratti esebiti d-daqqa li hadet il-vettura ta' Galea kienet fuq n-naha ta' quddiem tan-naha tal-passiggier ta' l-istess vettura.

Huwa ukoll car mill-provi migbura li fit-triq in kwistjoni kien hemm vetturi ohra ghaddejjin. Daqstant iehor huwa accetat illi t-triq innifisha tippermetti certu vizwali ta' l-*on coming traffic*, aktar u aktar la darba kienet nizlet ix-xemx u l-karozzi ikollhom d-dawl mixghul.

David Galea jghid fix-xhieda tieghu li hu habta u sabta sab lil Aquilina fil-kareggjata tieghu. Ghalkemm jaghti l-impressjoni li dan kien qed isuq fuq sidu tat-triq, il-habta turi bic-car li din okkorriet meta Aqulina qasam u beda diehel gos-*side road*. Huwa stran u ma ssibx logika 'l-fatt illi iz-zewg sewwieqa jinsitu li ma rawx il-xulxin fit-triq indikata. Adirittura Aquilina ma ra qatt il-karozza ta' Galea gejja fi triqitha in-naha l-ohra tat-triq, triq li hu kien se jaqsam, dan nonostante li jixhed illi huwa waqaf, xeghel l-indicators, ma rax karozzi gejjin u pproceda bil-manuvra ta' qsim ta' triq principali. Dan kollu huwa ben ikkorraborat minn ommu l-attrici. Anzi t-tnejn jinsistu li Aquilina sahansitra ghamel l-*indicators* li kienu anke jixghelu ukoll bi vlegga qabel ma qasam.

Galea jibqa insistenti li hu ra biss il-karozza sekondi qabel il-habta. Anzi fix-xhieda tieghu fil-bidu jghid anke li kien Galea li dahal go fih.[37]

Sfortunatament is-Surgent Mifsud ma wasalx biex jistabilixxi *point of impact*, pero din il-Qorti hija konfortata bir-ritratti tad-danni sofferti miz-zewg vetturi. Fil-fatt ir-ritratti huma ferm indikattivi ta' kif okkorra s-sinistru. Ghalkemm il-Qorti hija ferm perplessa kif iz-zewg konvenuti ma rawx lil xulxin, Aquilina ghal kollox u Galea sekondi qabel il-habta, id-daqqa konsiderevoli li soffriet il-Volkswagen fuq il-gemb tal-passiggier ghan-

[37] Fol 95 fil-kontro-ezami

nofs ghal wara ta' l-istess genb, hija indikattiva li hi kienet ghada qed taqsam il-karreggjata ma l-impatt. F'din il-mossa Galea laqat lil Aquilina bil-quddiem xellugi tan naha tal-passiggier, ghalhekk indikattiv illi ghalkemm il-vettura Volkswagen kienet ghadha fil-kareggjata tat-triq principali, pero kienet qabdet biex tidhol fis-*side road* tal-Maghtab. Kieku kien mod iehor, cioe l-Volkswagen bdiet taqsam kif wasal maghha il-konvenut Galea, allura id-daqqa tal-Volkswagen kienet tkun aktar lejn il quddiem u dik tal-Honda misjuqa minn Galea aktar frontali jekk mhux adirittura aktar lejn in-naha tas-sewwieq. Allura hija piu che gustifikata l-Qorti fl-insistenza taghha li ma tistax tifhem kif iz-zewg sewwieqa ma rawx il-vetturi rispettivi. Fil-fatt hija l-ferma opinjoni tal-Qorti lli z-zewg sewwieqa kienu mankanti fl-obbligu ta' sewqan ta' dak li hu *proper look out,* kif fi triq tat-tul li hi dik li fiha okkorra l-incident, jibqghu nsistenti li ma rawx lil xulxin. Dan qed jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata. Jinkombi fuq kull minn qed jaghmel manuvra ta' invazzjoni fi triq principali biex jikseb access ghal *side road* biex jassigura li tali invazzjoni ssir bil-kawtela dovuta u b'certezza li ma jinvadix id-dritta tal-*principal road user.* Daqstant iehor jinkombi fuq il- *main road user* li darba li qed javvicina nkrocju tat-toroq zomm *proper look out* ghal possibbli utenti ta' l-istess inkroccju. **Ghalhekk hija l-fehma ferma ta' din il-Qorti li z-zewg konvenuti t-tnejn ikontribixxew ghal-incident in ezami ai terminu ta' dak provdut fl-artikolu 1033 tal-Kap 16 dwar responsabilta ghal hsara kkagunata**.

**<u>Likwidazzjoni ghad-danni</u>**

Stabbilit illi z-zewg sewwieqa kellhom responsabilta' ugwali ghal-akkadut, il-Qorti se tghaddi biex tistabilixxi l-hsarat sofferiti, inkluz telf da parti ta' l-attrici.

Il-ligi taghna fl-artikolu 1045 tal-Kap 16 tipprovdi zewg tipi ta' danni li jistghu jigu likwidati; dawk attwali 'l hekk imsejjha *damnum emergens* u dawk li jahsbu ghat-telf futur, cioe l-*lucrum cessans.*

L-attrici telenka t-telf taghha ghal hekk: €144 lil Mr Massimo Vella, €3,729 qliegh mitluf milli zzomm l-istudenti bhala *host family*[38] dana minhabba l-operazzjoni li ghamlet wara l-incident u l-vettura Volkswagen li giet dikjarata *total loss* pero li kellha l-*insurance value* ghal ammont ta' €5000. Fid-dokument M1[39] telenka ukoll spejjez ohra legali, spejjez ta' *towing* ukoll spejjez tas-*survey report* ghal ammont rispettivi l-ahhar tnejn ta' €80 u €50.

Hallset ukoll lil Mr Charles Grixti, espert mediku nominat minn din il-Qorti.[40]

Dwar il-*carer* l-attrici xehdet li kellha ggibha maghha minhabba l-inkapacita' fisika taghha wara l-incident ikkalkulat li din kienet tammonta fit-total ghal €250, xehdet li kienet thallasha medja ta' €25 fil-gimgha, dan ghaliex aktar in kontro ezami kkalkulat li gieli halset ghal dan is-servizz bejn €15 u €40 fil-gimgha.[41]

Xehdet ukoll in kontro-ezami illi l-*insurance* ma kienet hallsitha xejn.

Dwar il-polza li kienet tkopri l-vettura ta' l-attrici xehed **Max Borg Bonello**[42] qal li l-vettura HAU-351, misjuqa minn Aquilna kienet koperta biss b'polza *third party*[43] konsegwentement l-assikurazzjoni kienet thallas biss lit-terz. Spjega lil polza assikuratrici kienet tghajjat lil Antoinette Cachia. Ta rendikont ta' dak li l-assikurazzjoni setghet tkoppri, l-ispejjez tal-*carer* basta jigu provduti l-iricevuti, u l-ispejjez tat-tabib ghal ammont ta' €230.

L-istess polza turi li l-vettura Volkswagen kienet manifatturata fis-sena 2001. Fis-sena 2009, fl-1 ta' Settembru, meta nizjat l-istess polza din il-Polo giet moghtija l-insurance value ta' £5000.

---

[38] Ara dok a fol 28
[39] Fol 79
[40] Ricevuta a fol 27
[41] Fol 173
[42] Fol 104
[43] Dok MB2 fol 111 u Dok MB2 fol 113

L-attrici tixhed ukoll lis-*surveyor* ddikjara l-vettura bhala wahda *beyond economical repair*.[44] Ghalkemm ma giex konfermat bil-gurament, wiehed jinnota li dan ir-rapport, fl-isketch tad-danni li soffriet il-vettura fil-b*ody* taghha, jindika l-hsarat sofferti li huma kompatibbli maz-zewg habtiet li ghaddhiet minnhom il-Volkswagen, dik mal-Honda ta' Galea u mal-vettura pparkjata ta' Tabone, li allura jispjegaw d-daqqiet aktar frontali li soffriet l-istess vettura.

L-attrici tilmenta ukoll minn danni fisici li soffriet kagun ta' l-incident, tant li tixhed li ma l-impatt ma setghetx tohrog mill-karozza u li ma setghetx timxi. Ukoll li soffriet ksur fil-*pelvis* u kompliet bil-*corrosion* tal-*hip.* Tant kompliet din il-*corrosion* li ma setghetx lanqas timxi, tgholli saqqajha pied minn ma l-art.

Qablet ukoll illi hi ghamlet l-operazzjoni ta' *hip replacement* f'Lulju 2010, dan fuq parir ta' Mr Ray Gatt biex ma tkompliex tiddeterjora, inkella kellha riskju tispicca go *wheelchair.* Ziedet li l-kundizzjoni taghha skont il-konsulent marret ghall-aghar wara l-incident. Ikkonfermat ukoll illi kienet soffriet danni fisici meta wegghet fis-sena 1987, waqghet u wegghet il-*hip*. Ikkonfermat li ghamlet disa' xhur id-dar konvalexxenti wara l-incident u t-tieni operazzjoni u li kien hawn li kellha bzonn l-ghajnuna ta' *carer*.

Minhabba l-griehi sofferti mill-attrici, din il-Qorti kif diversament preseduta kienet hatret lil espert ortopediku Mr Charles Grixti li presenta r-relazzjoni[45] tieghu, kkonkluda:

***"Antoinette Cachia sofrit ksur tad-9 kustilji tal-lemin kif ukoll ksur tal-body of sternum kagun ta' l-incident li kellha fis-6 ta' Novembru 2009. Hija rkuprat tajjeb minn dan l-incident u <u>m'ghandha l-ebda dizabilita' permanenti kagun ta' dan l-incident.</u>"*** [46]

Ikompli;

***"Il-problemi li kellha fil-gog tal-gemb tal-lemin huwa relatati m'accident iktar antik tas-sena 1987 fejn kagun tal-ksur fl-istess gog tal-gemb tal-lemin li kien jinvolvi s-***

---

[44] Dok X3 fol 73
[45] Fol 35
[46] Enfasi ta' din il-Qorti.

***saqaf ta' l-istess gog, zvillupat artrite qawwija li mbaghad irrizulta li kellha bzonn 'total hip replacement' tal-lemin."***

Fir-rigward ta' opinjoni ta' espert nominat l-Qrati taghna stabillew illi din m'ghandhiex tigi facilment skartata, ghalhekk fid-decizzjoni **Grech et. vs Grech et.** [47]inghad hekk:-

*"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli. (ara wkoll –* ***"Bugeja et vs Muscat"*** *– Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).*

*Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("***Grima vs Mamo et noe"*** *– Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.*

*Ghalhekk 'in fin' `dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta.Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.("***Cauchi vs Mercieca"*** *– Qorti talAppell – 6 ta' Ottubru 1999 ;* ***"Saliba vs***

[47] P.A. 25/09/2003

***Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).*[48]

Meqjusa dawn l-insenjament gurisprudenzjali, tqies il-Qorti li m'ghandha ebda raguni ghala m'ghandhiex taghmel taghha l-konkluzzjonijiet peritali. **F'dan ir-rigward qieset lil perit la qatt gie eskuss u lanqas saret talba ghal periti addizzjonali.**

Il-konkluzzjoni peritali esposta twassal il-Qorti ghal zewg konkluzzjonijiet inevitabbli:-

1. Ma kien hemm ebda ness bejn l-griehi fisici sofferti fl-incident u l-*impairmen*t ta' disa' xhur li minnu lmentat l-attrici;
2. Fi kliem l-istess espert mediku l-griehi diretti inflitti fl-incident kienu dawk minnu elenkati fir-relazzjoni u l-*hip replacement* kienet kagun ta' incident li l-attrici kellha hafna snin precedenti.

Konsegwentement l-attrici ma tistax torbot ness bejn l-incident u l-griehi li minnhom ilmentat u li skontha zammewha kwazi mmobbli tant li kellha anke bzonn ghajuna ta' *carer* ghaliex fl-opinjoni ta' Mr Charles Grixti l-griehi fisici li soffriet direttament mill-incident kienu tali li ma kkagunawlha **ebda dizabilita' permanenti**. Ghalhekk ma tistax tippretendi kumpens minghand l-konvenuti jew wiehed minnhom la ta' l-ispejjez tal-*carer* u wisq anqas tat-telf ta' qliegh minhabba li ma komplitx tagixxi ta' *host family*. Zgur li hawn non si tratta ta' telf ta' *lucrum cessans* konsiderando l-konkluzzjoni peritali.

Mod iehor hija l-kwistjoni tal-hsara tal-vettura Volkswagen. Din giet dikjarata *beyond economical repair*. Fis-sena 2009 il-vettura kellha l-valur assikurattiv ta' €5000. L-incident gara fis-sena 2009, **BISS** xahrejn u gurnata wara li harget il-polza riferuta[49]. Il-Qorti thoss li l-attrici ghandha titqieghed kemm jista jkun fil-posizzjoni li kienet ezatt u vicin l-incident, li certament ma kien ta' ebda tort imputabbli lilha, ghalhekk titqieghed finanzjarjament fi stat '*status qua ante'*. Ghaldaqstant qeghda tillikwida l-ispejjez dovuti minhabba t-telf tal-vettura ghal ammont ta' €**4000** li ghandhom jigu sopportati b'mod

[48] **Joseph u Filomena Fsadni vs Micallef**: 381/2011 deciza 1/3/2016 Qorti tal-Magistrati.
[49] Dok MB2

ugwali miz zewg konvenuti. L-attrici ghandha ukoll dritt ta' rkupru ta' spejjez relattati ma *towing* ghal ammont ta' **€80** u **€ 50** spejjez tas-*survey report*.

Dwar spejjez ohra reklamati mill-attrici, dawk medici huma facilment rekuperabbli tramite l-insurance kif xehed **Bonello**[50]**.** Jinkombi fuq l-attrici li tipproduci r-ricevuti mitluba minnha.

L-ispejjez legali nkorsi huma dawk stabbiliti mit-taxxa ufficcjali u jigu attribwiti skont id-decizjoni ta' din il-Qorti.

**Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tqis li l-incident li sehh fis-6 ta' Novembru, 2009 gara b'tort uniku tal-konvenuti David Galea u Henry Harry Aquilina**;

**Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti minn Antoinette Cachia fl-ammont ta' erbat elef mija u tletin ewro (€4130);**

**Tilqa' t-tielet talba u tikkundana lill-konvenuti jhallsu kull wiehed minnhom lill-attrici s-somma ta' elfejn hamsa u sittin ewro (€2065);**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' Henry Harry Aquilina;**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' David Galea.**

**Bl-ispejjez legali a karigu tal-konvenuti ugwalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[50] Fol 104